MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 1050/1997/1

**Avviz numru 1050/97DM**

**Andrew sive Andy Ellul**

**Vs**

**Michael Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut prevja d-dikjarazzjoni li l-incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta’ Gunju, 1995, fit-3.15 pm fi Triq San Tumas, Tarxien, sehh b’tort uniku tal-konvenut meta b’imperizja, b’imprudenza, b’negligenza, u b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku huwa saq b’velocita’ fuq in-naha l-ohra tat-triq il-vettura ‘Range Rover’ K-4860 bir-rizultat li baqa’ diehel fil-vettura ‘Mazda Station Wagon’ T-5871, proprjeta’ ta’ l-attur u b’hekk ikkawzawlha danni li ma jeccedux l-ammont ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin

(Lm750), ihallas lill-attur l-istess danni hekk likwidati anke permezz ta' perit nominat ghal dan l-iskop.
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju, 1997, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-istess ittra ufficjali sad-data ta' l-eventwali hlas, ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut  fejn eccepixxa illi:

1 Preliminarjament, in-nullita' ta' l-Avviz odjern peress li mal-konvenut kellha tigi citata wkoll mart il-konvenut.
2 L-incident in kwistjoni ma sehhx tort tal-konvenut izda ta' l-attur stess minhabba mperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.
3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Ottubru, 2001, fil-kawza fl-ismijiet 'Joan Borg illum mart Andrew Ellul kontra Michael Mizzi' fejn dik il-Qorti ddecidiet definittivament dwar ir-responsabbilita' ghall-kollizjoni de quo ;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

L-attur f'din il-kawza ma kienx wiehed mis-sewwieqa tal-vetturi nvoluti fl-incident, izda huwa kien il-proprjetarju tal-vettura 'Mazda Station Wagon' bin-numru T-5871 li kienet misjuqa minn Joan Borg u li kienet involuta fil-kollizjoni mall-vettura l-ohra bin-numru K-4860 misjuqa mill-konvenut.

Illi huwa evidenti illi ghall-hsarat li soffriet il-vettura ta' l-attur ghandu jaghmel tajjeb dak li miz-zewg sewwieqa

nvoluti fil-kollizjoni jigi jew tigi ritenut responsabbli ghall-istess kollizjoni.

Ghandhu ukoll jinghad illi iz-zwieg o meno ta'l-konvenut, li kien qed isuq il-vettura tieghu ***wahdu***, m'ghandhu ebda rilevanza ghal dan il-kaz ibbazat fuq allegazzjoni ta delitt jew kwazi-delitt da parti ta'l-konvenut biss; konsegwentement tirrespingi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Illi ghar-rigward ta' din ir-responsabbilita' il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Citaz. Numru 1216/97AJM fl-ismijiet 'Joan Borg illum mart Andrew Ellul kontra Michael Mizzi' fit-22 ta' Ottubru, 2001, iddecidiet il-kwistjoni tar-responsabbilita' tal-kollizjoni billi kkonkludiet kif gej:-

*"Il-Qorti hija tal-fehma li r-responsabbilita' ghall-akkadut ghandha tigi determinata mill-pozizzjoni tal-vetturi kif murija fl-iskizz billi din il-posizzjoni turi bic-car fejn kienu qieghdin jinsaqu l-istess vetturi qabel l-incident. Minn dan l-iskizz jidher bla dubbju li l-attrici kienet fuq in-naha taghha tat-triq, filwaqt li l-konvenut kien 'wrong side' u kif qal ibnu in kontro ezami ttanta jevita l-incident billi gibed lejn ix-xellug u … ghar-ragunijiet moghtija l-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' it-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi*".

Kif jirrizulta mill-premessi ta' l-istess citazzjoni din l-istess citazzjoni kienet tirrigwarda effettivament l-istess incident awtomobilistiku imsemmi fil-premessi ta' dan l-Avviz u cioe' dik il-kollizjoni tat-3 ta' Gunju, 1995, li grat ghall-habta tat-3.15 pm fit-Triq San Tumas, Hal Tarxien bejn il-vettura 'Range Rover' K-4860 u l-vettura 'Mazda' T-5871 misjuqa mill-konvenut.

Ghaldaqstant billi l-kwistjoni ta' responsabbilita' tinsab diga' deciza definittivament, il-Qorti qieghda tiddikjara li l-konvenut bhala responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni, huwa wkoll responsabbli li jaghmel tajjeb ghall-hsarat kollha li kkawza fil-vettura 'Mazda' T-5871 ghad-dannu tal-proprjetarju, l-attur Andrew sive Andy Ellul.

Ghal dak li jirrigwarda l-*quantum* ta' dawn il-hsarat, il-konvenut permezz tad-difensur tieghu ddikjara li mhux qed jikkontesta l-likwidazzjoni ta' l-istess danni kif maghmula mis-'surveyor' Alfred Farrugia li, ghalkemm ma xehedx *viva voce* f'din il-kawza, fid-deposizzjoni li kien ta' fil-kawza civili gia msemmija kien iddikjara illi l-vettura ta' l-attur kellha tigi kkunsidrata bhala 'total loss' billi fi kliemu "*kellha hafna hsarat dak iz-zmien li ma kienx vale la pena li nsewwuha*".

Imbaghad mid-deposizzjoni b'affidavit ta' l-istess attur jirrizulta illi l-valur fl-ahhar determinat minn Alfred Farrugia bhala kumpens ghall-hsarat li gew ikkawzati lilhu kien fis-somma ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750).

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tillikwida d-danni li soffra l-attur fis-somma msemmija ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750), u konsegwentement ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz qieghda tilqa' it-talba attrici u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) bl-imghaxijiet legali b'effett mis-16 ta' Mejju, 1997.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------